***Worksheet* Ċ6.1.3**
Nidentifikaw l-aspetti multi-kulturali li tħaddan is-soċjetà Maltija.

**A: Aqra, imbagħad wieġeb**.

Ir-ritratt jurina l-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar li tagħmel parti mill-Kulleġġ Maria Reġina. Din hija silta li tinsab fuq il-websajt uffiċjali tal-iskola:

*L-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar tirrifletti l-bidliet kbar li saru dan l-aħħar fis-soċjetà Maltija.*



*Il-bini preżenti nbena fl-1956 biex jieħu ħsieb it-tfal ta' raħal żgħir tas-sajjieda. Illum jattendu fl-iskola t-tfal ta' tliet komunitajiet li dejjem qegħdin jikbru: San Pawl il-Baħar, il-Qawra u Buġibba.*

*San Pawl il-Baħar illum m'għadux post tal-villeġġjatura (kif kien sat-Tieni Gwerra Dinjija), imma huwa raħal li jilqa' fih nies minn kull rokna ta' Malta. Inżidu wkoll li San Pawl il-Baħar illum jilqa' fih nies minn bosta pajjiżi barranin. Illum (2014) jattendu fl-iskola madwar 800 tifel u tifla; 80 student minnhom ġejjin minn 20 pajjiż differenti, l-iktar pajjiżi Ewropej u l-Afrika ta' Fuq. Kif wieħed jobsor, San Pawl il-Baħar jiltaqgħu kulturi u reliġjonijiet differenti.*

**Agħmel sinjal taħt it-tajba**.

1. Madwar 70 sena ilu San Pawl il-Baħar
   (a) kien port Ruman.
   (b) kien imfittex min-nies li jmorru joqogħdu fih għas-sajf biss.
   (c) kien raħal magħruf għall-minjieri.
2. Il-bini tal-iskola msemmija għandu:
   (a) 200 sena.
   (b) kważi 60 sena.
   (c) 100 sena.
3. Ħafna tfal li joqogħdu Buġibba jattendu l-Iskola Primarja
   (a) ta' Buġibba.
   (b) ta' San Pawl il-Baħar.
   (c) tal-Qawra.
4. Il-maġġoranza tal-istudenti barranin li jattendu l-iskola ta' San Pawl il-Baħar ġejjin:
   (a) mill-Ewropa u mill-Afrika ta' Fuq.
   (b) mill-Amerika.
   (c) mill-Awstralja.
5. L-istudenti li jmorru l-iskola ta' San Pawl il-Baħar
   (a) huma kollha Maltin.
   (b) ġejjin minn madwar 21 pajjiż differenti.
   (c) ġejjin kollha mill-Afrika.
6. L-istudenti tal-iskola ta' San Pawl il-Baħar
   (a) kollha għandhom l-istess reliġjon.
   (b) huma kollha Nsara.
   (c) għandhom reliġjonijiet differenti.
7. Fl-iskola ta' San Pawl il-Baħar jattendu tfal li għandhom kultura differenti minn ta' bosta tfal Maltin; għalhekk il-komunità ta' San Pawl il-Baħar ngħidu li hija:
   (a) kulturali.
   (b) multi-kulturali.
   (c) taħlita ta' kultura Maltija u Ingliża.